**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Nru. 344/02/2 NC**

**Antoine Rapa**

**vs.**

**John Camilleri**

Illum is-sebgħa (7) ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors ta' Antoine Rapa ppreżentat fid-9 ta' Awwissu 2021 (*a fol.* 1) fejn intalab is-segwenti:

> *"Għalhekk, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġbha terġa tpoġġi din il-kawża fuq il-lista għas-smiegħ u b'hekk tirriapuntaha għal data viċina għall-kontinwazzjoni u tinnotifika lill-partijiet skont il-liġi."*

Rat id-Digriet tagħha tas-26 ta' Awwissu 2021 (*a fol.* 17), f'liema Digriet il-Qorti ordnat li r-Rikors promutur jiġi notifikat lill-kontro-parti bi żmien għaxart'ijiem għar-Risposta.

Rat ir-Risposta ta' Dove Trading Limited (C 15596) ippreżentata fit-13 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 18).

Rat id-Digriet tagħha tat-22 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 19 *et seq.*), f'liema Digriet il-Qorti stiednet lis-soċjeta' Dove Trading Limited sabiex, permezz ta' Nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti fi żmien għaxart'ijiem min notifika tad-Digriet, tispjega x'inhi r-relazzjoni tagħha mal-intimat John Camilleri u dana *stante* li r-Risposta li kienet qed tistenna l-Qorti kellha tkun dik ta' l-istess John Camilleri.

Rat in-Nota ta' Dove Trading Limited ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 21 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi dan id-Digriet jikkonċerna talba sabiex kawża li kienet ġiet kanċellata minn fuq il-lista terġa tiġi ri-appuntata.

Illi, qabel il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu tar-Rikors, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li l-ewwel tinnota x'jirriżulta mill-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet **Antoine Rapa vs. John Camilleri** (Ċitazz. Nru 344/2002), liema atti l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Illi mill-atti msemmija fil-paragrafu preċedenti jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2005, il-kawża ġiet differita għat-18 ta' Marzu 2005 sabiex isir kontro-eżami.

- Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2005, il-Qorti kif diversament preseduta ddiferiet il-kawża *sine die* u dana wara li ġie verbalizzat li dakinhar kellu jsir il-kontro-eżami ta' l-attur li baqa' ma deherx.

- Permezz ta' Digriet mogħti fit-12 ta' Mejju 2005, il-kawża ġiet ri-appuntata għall-10 ta' Ottubru 2005 in segwitu ta' Rikors ippreżentat mill-attur fid-9 ta' Mejju 2005.

- Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2005, il-Qorti kif diversament preseduta ddiferiet il-kawża *sine die* u dana wara li ġie verbalizzat is-segwenti quddiem il-Qorti kif diversament preseduta:

  *"Meta ssejħet il-kawża deher il-konvenut assistit mill-Av. G. Mamo. Deher l-attur assistit mill-Av. L. Schembri Orland, li nforma l-Qorti li l-proċeduri kriminali li għalihom hemm riferenza fis-seduti preċedenti għadhom għaddejjin, għalhekk talbet li l-kawża tmur Sine Die riappuntabbli fuq talba verbali wara li jintemmu l-provi tal-Prosekuzzjoni."*

- B'Digriet mogħti fit-30 ta' Jannar 2015, fuq liema Digriet hemm visto b'żewġ firem, waħda bid-data tal-10 ta' Frar 2015 u oħra bid-data tad-19 ta' Frar 2015, il-Qorti kif diversament preseduta ddegretat is-segwenti:

  *"Billi l-kawża ilha li marret Sine Die mill-10 t'Ottubru 2005 u ma saret ebda talba biex tiġi riappuntata, tappunta l-kawża mill-ġdid il-kawża għas-smiegħ għat-3 ta' Ġunju 2015, fid-9.30am".*

- Fir-rigward tad-Digriet imsemmi fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti kif diversament preseduta ordnat komunika tiegħu lil Prokutatur Legali Edgar Montanaro u lil Avukat Dr. Adrian Delia. Il-Qorti tinnota li filwaqt li l-Prokuratur Legali Montanaro kien firmatarju fuq iċ-Ċitazzjoni flimkien mal-Avukat Dr. Lorraine Schembri Orland, l-Avukat Dr. Delia kien firmatarju tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut.

- Fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2015, b'ordni tal-Qorti kif diversament preseduta l-kawża ġiet differita għall-15 ta' Ġunju 2015 fl-istess ħin u għall-istess skop tal-verbal preċedenti.

- Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2015, ġie verbalizzat is-segwenti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta:

  *"Meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd.*

  *Il-Qorti, rat l-Artikolu 199 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tordna l-kanċellament tal-kawża minn fuq il-lista".*

**Ikkunsidrat**

Illi *stante* li l-Qorti kif diversament preseduta rriferiet għall-Artikolu 199 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta ġiet biex tikkanċella l-kawża minn fuq il-lista, ikun opportun li ssir riferenza għall-Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu, b'rikors, **<u>li għandu jiġi ppreżentat fiż-żmien ta' tliet xhur</u>**, jagħmel talba għaldaqshekk. Din it-talba għandha tintlaqa' għal darba waħda biss, u l-Qorti għandha tappunta ġurnata għas-smiegħ tal-kawża bi spejjeż tal-attur, b'dan illi l-attur għandu jħallas, jew jiddepożita fir-reġistru tal-Qorti qabel il-jum stabbilit għas-smiegħ tal-kawża, l-ispejjeż kollha stabbiliti fit-tariffa, u li joħorġu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu naqsu li jidhru, skont il-każ" [emfażi miżjuda].

Illi riferenza sejra ssir għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet **Savio Spiteri et vs. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta u Għawdex et** fejn, minkejja li l-fatti kienu kemmxejn differenti minn dak tar-Rikors odjern, l-insejament li ngħad fis-sentenza li saret riferenza għaliha jibqa' wieħed validu. Ingħad is-segwenti:

> "Kif tajjeb osservaw il-konvenuti appellati, meta għandek mhux sempliċi differiment *sine die* iżda kanċellament minn

fuq il-lista, liema kanċellament *prima facie* sar skond l-Artikolu 199(1) tal-Kap. 12, ir-rimedju kellu jkun ir-rikors għar-riappuntament fi żmien għaxart ijiem[1] skond is-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 199. Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża Ċitaz. 46/94, u osservat li l-kanċellament tas-16 ta' Jannar, 1997 kien l-ewwel kanċellament f'dik il-kawża (u għalhekk ma kienx hemm l-ostakolu li r-riappuntament jista' jintalab darba biss). Inoltre din il-Qorti tosserva, dejjem minn eżami tal-atti tal-kawża Ċitaz 46/94, li fl-udjenza preċedenti għal dik tas-16 ta' Jannar, 1997, ċioe' l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 1996, l-ewwel Qorti kienet għamlitha ċara li kienet qed tiddiferixxi il-kawża "għall-aħħar darba għall-provi tal-attur ghas-16 ta' Jannar 1997", u dan wara li l-avukat difensur ġdid tal-atturi kien deher, iddikjara li qed jassumi l-patroċinju u talab differiment peress li ma kienx għadu ha konjizzjoni tal-proċess. Dak li evidentement ġara hu li wara li l-kawża ġiet kancellata l-atturi u/jew id-difensur tagħhom ma ħadux l-iżbriga li jivverifikaw x'kien ġara fis-16 ta' Jannar, 1997, u ħallew l-għaxart ijiem jiddekorru mingħajr ma għamlu r-rikors għar-riappuntament tal-kawża skond l-imsemmi Artikolu 199(3). Kif ġustament irrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ġaladarba l-appellanti kellhom ir-rimedju tar-rikors skond l-Art. 199(3) u ma utilizzawhx, ma jistgħux issa jippretendu li, permezz ta' citazzjoni u talba għar-revoka "contrario imperio", jiġi rimedjat l-izball tagħhom konsistenti dan l-izball f'illi naqsu milli jipproċedu skond l-imsemmi Artikolu 199(3)".

Illi apparti dan u apparti l-fatt li, kif ngħad aktar il-fuq, fuq id-Digriet datat 30 ta' Jannar 2015 hemm żewġ firem b'visto taħthom, jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-Rikors odjern ġie ppreżentat *ben oltre* t-terminu li jistabilixxi Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] It-terminu ta' għaxart ijiem inbidel għal dak ta' tliet xhur b'Att Numru VIII ta' l-2007.

Illi b'hekk isegwi li l-Qorti m'hijiex f'pożizzjoni li tilqa' t-talbiet kontenuti fir-Rikors.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talbiet kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**